Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IS-SEBA LEGISLATURA 2017

SEDUTI NUMRI 54

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa' fl-ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera nhar il-Hamis 5 t'April 17.00.

Prezenti

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Justin Fenech | - | Vici Sindku |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Maryanne Abela | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Alfred Curmi | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier |

Skuzat il-Kunsillier M. Miceli peress li jinsab msiefer fuq xoghol.

Ufficjal Prezenti: Vince Tanti, Segretarju Ezekuttiv

Is- Sindku qal it-talba

## I Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tas-seduta numru 53. Il-Kunsillier P. Fenech ppropona u l-Kunsillier A. Chetcuti ssekonda. Dawn gew approvati b' mod unaninimu.

## II Punti li johorgu mill-Minuti

Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk tnehhewx it-tabelli 'New Traffic Arrangements' min Triq l-Ibragg, u s-Segretarju wiegeb li tnehhiet wahda ghax tal-maintenance haseb li wahda biss hemm – induna biha hu u gibidlu l-attenzjoni, u ser titnehha.

## III Rapport mis- Sindku

Is-Sindku pprezenta r-rapport tieghu (Anness A) u tkellem fuq il-punti kollha msemmija fih. Kif jidher fir-rapport kien zmien ta' hidma kontinwa mis-Sindku fejn attenda ta' l-anqas ghal 12 il-laqgha ma diversi entatijiet kif gej:

- Smiegh l-Awtorita ta l-Ippjanar -6 laqghat
- Kuntratturi, toroq u manutenzjoni – 3 laqghat
- Transport Malta – laqgha
- Periti fuq l-izvilupp tal-Halland - Laqgha
- Laqgha tas-Sindki

Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-Magazine tal-Kunsill, fejn kif ga gie rrappurtat qabel ma tqassamx kif suppost mill-Maltapost.

Din in-nuqqas tas-servizz kien ta' disprezz lejn l-advertisers li ma hadux servizz minn ghandna u ma jergawx jirriklamaw maghna darb'ohra. Is-Sindku rrakkommanda li l-Kunsill li l-anqas li jistghu jaghmlu l-Maltapost huwa li huma jergghu jippublikaw il-magazine u jinkludu l-advertisers spejjes taghhom jew ghalanqas jirrifondu l-advertisers.

Gie ssugerit ukoll li nikkomunikaw is-sitwazzjoni lill konsumatur.

Il-kKnsill unanimament qabel ma' dawn is-suggerimenti.

Fl-ahharnett is-Sindku ssugerixxa li l-minuti tal-Knsill jkunu *hard bound*, nibdew mill-aktar ricenti, u nduru ghal antiki iktar 'il quddiem.

Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

Fuq il-progett ta' l-asfaltar ta' Triq il-Keffa, il-Vici Sindku ssugerixxa illi jsir arrangement fejn l-ilma tax-xita li jinzel minn din it-triq jitqabbad mal-main ta' l-istess ilma fi Triq il-Qasam. Is-Sindku jew is-Segretarju ser jaghmel dan is-suggeriment lill Perit ta' Transport Malta.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv

## III Rapport mis- Sindku – ikompli

Is-Sindku ppropona refurbishment fit-tarf ta Triq tal Franciz, kantuniera ma' Ibrag. Huw pogga fuq il-mejda tal-Kunsill pjanti tal-progett, li inkludiet bill of quantities (Contract Value) bi stima inizjali ta €30K (Anness B).

Wara diskussjoni fuq dawn il-pjanti il-Kunsill iddecieda li il-progett isir, pero ser jintalbu aktar stimi peress li l-kwotazzjoni pprezentata mill perit tal-kunsill hija wisq gholja.

Is-Sindku informa wkoll li ghal dan il-progett il-Kunsill ser jaghamel applikazzjoni mill-fondi ta' l-UIF. Il-Kunsill qabel unanimament fuq dan.

Tkellem ukoll fuq il-progett ta' Pjazza Uqija. Fakkar li xoghol u l-approvazzjoni tal-Kunsill ghal dan il-progett ilu li sar mis-sena 2013, izda ghal diversi raguni il-Kunsill dejjem sab xi ostaklu jew iehor biex jibda x-xoghol fuqu. Sa fl-ahhar jidher li wasalna ghalkemm hemm min anke issa qed jitlob li jsiru xi bidliet fil-pjanti.

Is-Sindku informa li dan il-progett ser isir ukoll minn fondi UIF u hemm ukoll fond ta' €50K ghalih li ghandu jithallas mill-kumpanija J. Portelli Projects Limited, kif gie mitlub mill-Awtorita ta l-Ippjanar minhabba l-progett li wettqu huma tal-Forum Complex.

Il-Kunsill qabel li jibda x-xoghol ta' l-applikazzjonijiet minnufieh sabiex ma jinhelix iktar hin prezzjuz.

## IV Punti mill-Kunsillieri

### *Punti Mressqa mil-Vici Sindku*

Il-Vici Sindku nforma l-Kunsill fuq l-izvilupp fuq l-applikazzjoni ta' l-izvilupp tal-kumpless tat-Tennis Club, fejn l-Awtorita ta' l-Ippjanar qed joggezzjonaw ghax skont huma ser jintilef spazju pubbliku bl-estensjoni. Il-Perit tal-Kunsill informhom li mhux talli mhux ser jintilef spazju izda ser jizdied li-spazju pubbliku bl-izvilupp ta' centru ghal pubbliku.

Huwa tkellem ukoll fuq il-problema tad-distribuzzjoni tal-Magazin tal-Kunsill, u s-Sindku kkummenta li ghandna nfittxu lill-Maltapost anke ghad-danni peress li ma sarx xoghol sew fid-distribuzzjoni.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv

## IV Punti mill-Kunsillieri- ikomplu

*Punti mressqa mill-Kunsillier M. Abela*

Hija tkellmet fuq l-izviluppi fil-progett tan-Neighbourhood Watch, fejn avzat li gew ordnati it-tabelli sabiex jitwahhlu fiz-zona tal-Madliena.

Tkellmet ukoll fuq il-Culture Fund application li pprepara is-Segretarju Ezekuttiv wara li ddiskuta mal-KAM. Il-Kumitat gie allokat fond ta' €4,000 , u l-Kumitat ga ltaqa' sabiex jibda x-xoghol fuq l-ifinalizzar ta' program t'attivita li qed jahdem fuqu is-Segretarju Ezekuttiv.

Tkellmet ukoll fuq il-laqgha li l-KAM talab u saret mas- Sur Godwin Mifsud ta' Godwin's Garage fuq is-sitwazzjoni tas-sigar tal-harrub fi Triq il-Madliena. Gie deciz li is-Sur Mifsud ser jipprova jara jekk min xtara l-art minghandu hux ser jaccetta l-proposti li jikkunsidra it-talba tal-Kumitat tal'Madliena sabiex jipprovaw isalvaw iz-zewgt sigar.

Hija fakkret li ser issir talk mill-Imhallef Galea Debono fuq il-Forti Madliena, nhar is-Sibt 14 ta April fit-15.00, u ser issir mixja organizzata mir-Ramblers l-ghada l-Hadd fid-09.00, li ser titlaq u tispicca l-Gharghur u ser tinkludi il-Victoria Lines. Ghal din l-attivita ser jiehdu sehem l-ghaqda Friends of the Victoria Lines, li qed jahdmu mal-Kumitat tal Madliena fuq progett ghal Victoria Lines. Din l-attivita ser jkollha wkoll coverage mill-Media.

Hija tkellmet ukoll fuq pagna gdida ta' Facebook tal-Kumitat Amministrattiv tal Madliena. Qalet li il-Kumitat jixtieq li din il-pagna tkun biex taghti informazzjoni biss u timxi fuq l-istess metodu bhal pagna Facebook tal-Kunsill. Talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill u l-Kunsill qabel ma din il-proposta unanimament.

Tkellmet ukoll fuq il-Funtana tal-Madliena frjn informat li fl-ahhar qieghda tahdem.

Hija staqsiet meta ser jitwahhlu d-dwal godda fi Triq il-Majjistral, u s-Sindku wiegeb li peress li dawn id-dwal irridu naghmluhom ahna u jiswew hafna flus ser jkollna ninstallawhom perjodikament.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv

## IV: Punti mill-Kunsillieri- ikomplu

### *Punti mressqa mill-Kunsillier M. Abela*

Il-Kunsillier tkellmet fuq inzul ta' ilma minn residenza privata fi Triq il-Pedadilwett. Is-Segretarju wiegeb li hemm residenta li tikteb u ccempel regolarment fuq l-istess problema imma ghalkemm mar diversi drabi fuq il-post kull ma kien hemm, fejn irraportat din il-persuna tracci ta' ilma. Madankollu hu mar ukoll in-naha l-ohra tat-triq u habbat xi bibien ta' xi villel biex jipprova jsib is-sors ta l-ilma imma hadd ma fetahlu. Informa lill-Pulizija ghal anqas darbtejn u marru fuq il-post imma ukoll ma waslu mkien. Tkellem mas-Sinjura li ghamlet diversi rapport biex igib iktar informazzjoni u din qaltlu li dan isir xi darba jew darbtejn fis sena, lejn l-ahhar ta'Marzu u ftit wara s-sajf. Is-Segretarju huwa ta'l-opinjoni li dan l-ilma ta' Marzu huwa xi overflow ta' xi bir li jintela bl-ilma tax-xita, u naturalment jizbokka fit-triq ladarba jimtela, filwaqt li lejn l-ahhar tas-sajf jista jkun tbattil ta' pool. Is-Sinjura Abela talbet li tigi nfurmata s-sanita, u s-Segretarju wiegeb li kif ikun hemm l-ewwel rapport jibghat lil tas-sanita.

Ghalqet l-intervent taghha billi fakkret li fit- 22 t'April ser tiehu hsieb il-Clean-up day billi flimkien ma voluntiera mill St. John's Rescue Corp ser tnaddaf id-Ditch tal Forti Madliena.

### *Punti mressqa mill-Kunsillier P.Fenech*

Il-Kunsillier P. Fenech wera d-dispjecir tieghu ghal fatt li ma setax jipprezenta r-rapport tieghu fuq il-konferenza '2 WILL', minkejja li avza lis Segretarju minn qabel il-laqgha sabiex jipprepara l-overhead projector. Zied jghid li hija tal-misthijja li l-Kunsill mhux armat b'apparat modern sabiex wiehed jista jahdem, u ser ikollu jipposponi l-prezentazzjoni tieghu ghal laqgha ohra.

Qal ukoll li grazzi ghal kuntatti tajbin li ghandu irnexxilu jgib 100 biljett b'xejn, b'market value ta €2k ghal kuncert minn Orkestra Russa, meqjusa bhala wahda mill-ahjar fid-dinja. Kull min jinteressah jigi ghandu jhallas €5.00 biss ghat transport, ~~li qed jiehu hsieb kollox~~ hu.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv

## IV: Punti mill-Kunsillieri- ikomplu

### *Punti mressqa mill-Kunsillier P.Fenech- ikompli*

Tkellem ukoll fuq attivita ohra li qed jorganizza, soiree ad unur l-Maestro Joe Vella, fejn ser igib membri mis-Socjeta filarmonika tal-kazin San Gorg tar-Rabat Ghawdex. Qal li ma jistax jghid ghalissa kemm ser tigi tiswa lill kunsill din l-attivita izda qal ukoll li li spejjes huma biss ghat-trasport mic-Cirkewwa u lura.

Tkellem ma Oliver Friggieri li ipprepara speech li ser jaghamel is-Sindku waqt l-attivita, li d'data proposta hija is-17 ta'Mejju. Din l-attivita ser tintwera fuq it-telivizjoni Il-Kunsill qabel ma din l-attivita b'dawn il-kundizzjonijiet.

Il-Kunsillier P. Fenech tkellem ukoll fuq kors li mar orginazzat mill-Valletta 2018, u li minnu ser jorganizza attivita ohra fis-27 ta' Ottobru. Din l-istess attivita tista' tittella waqt Swieqifest 2018. Huwa ghalhekk, fakkar lil Vici Sindku li ma jistax jaccetta aktar attivitajiet fis-sala tal-Kunsill, sabiex jibda x-xoghol ta' preperament ghal din l-attivita'.

### *Punti mressqa mill-Kunsillier A. Chetcuti*

Il-Kunsillier A. Chetcuti staqsa fuq il-progress fi Triq il-Gizimin, u s-Segretarju infurmah bil-hidma ta' preparazzjoni li qieghed isir, li ser iwassal ghal asfaltar tat-triq.

Hu staqsa wkoll biex tigi nstallata Traffic Calmer fi Triq il-Qasam. Hawnhekk infethet diskussjoni fuq is-sitwazzjoni ta' periklu li hemm fl-intersezzjoni bejn Triq is-Sidra u Triq il-Qasam. Il-Vici Sindku fakkar lis-Segretarju li kellu jikteb lill Transport Malta sabiex issir laqgha ma' ufficjal taghhom on site u biex iressaq proposta li din il-parti issir one-lane. Is Segretarju wiegeb li kien kiteb imma ma kellux risposta, u fil- frattemp inbidel il-persuna risponsabbli fuq Traffic management – Is-Segretarju informal ill kunsill li ser jikteb lill-dan il-kuntatt il-gdid fuq dan.

Il-Kunsillier A. Chetcuti talab lis-Segretarju sabiex meta jkun hemm cans idur il-bankijiet gewwa l-Madliena ghax ghandhom bzonn zebgha. Is-Segretarju informah li ghandu xi haddiema tar-Regjun li suppost kienu ser ibajjdu l-area ta' hdejn il-kunsill, izda kienu qed jibzghu minhabba li xi xoghol kellu jsir fuq scaffolding. Issa jibghathom jixbhu il-bankijiet tal-Madliena.

Huwa kellu laqgha mas-Sur Oliver Scicluna, ufficjal mill -KNPD li jiehu hsieb persuni b'dizabilita. Huwa pogga fuq il-mejda in-numru ta' nies registrati b'disabilita gewwa S-Swieqi, li jamontaw ghal 182. Li 152 minnhom huma dizabilita fizikali. Naturalment ma setax igib iktar dettalji ghax din hija informazzjoni kunfidenzjali, izda l-Kunsill inghata l-opportunita' li niktbu ittra biex nistiednuhom juru interess li jinvolvu ruhhom fil-hidma tal-Kunsill u nibghatuha lill KNPD, u dawn iqassmuha huma. Jekk jkun hemm bizzejjed interess il-Kunsill jista jifforma sotto-kumitat minn kull taqsima ta' disabilita.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

## IV: Punti mill-Kunsillieri- ikomplu

### *Punti mressqa mill-Kunsillier A. Chetcuti- ikompli*

Il-Kunsillier A. Chetcuti ghalaq l-intervent tieghu billi saqsa jekk sarx progress fuq il bus-shelter ta hdejn il-Forex, u anki fuq Zebra Crossing fl-istess area.

### *Punti mressqa mill-Kunsillier A. Curmi.*

Il-Kunsillier A. Curmi tkellem ukoll fuq il-burdura tal-Gnien FX Ebejer, u kif dan ghadu minghajr Bordura. Is-Segretarju infurmah li hemm problema mal-kuntrattur li ghamel il-gnien ghaliex ma mexiex skond l-ispecifkazzjonijiet li hemm fit-tender. Issa is-sitwazzjoni qieghda f'idejn l-Avukati.

Tkellem fuq l-AGM, u gie miftiehem li jsir fid-9 t'April 2018, fis- 18.30 ghal Madliena u fis-19.00 ghas-Swieqi.

Rigward l-iskeda tal pagamenti, huwa irrimarka li l-invoice ta' Sur Hugh Zammit ghandha jkollha dettalji tas-servizzi li qed jaghti, u is Segretarju wiegeb li ser jiehu hsieb biex dan isir. Il-Kummenti tas-Sur Curmi huma annessi C.

Tkellem ukoll fuq il-kont tal-Micamed li ghandna nithallsu minn Transport Malta ghalih. Is-Segretarju wiegeb li ser jerga jfakkar lill TM Fuq dan.

Il-Kunsillier A. Curmi tkellem fuq l-ispejjez tal Konfrenza 2Will fejn qal li s'issa li spejjez qabzu il-€15K. Is-Segretarju wiegbu li ghandu zball ghax li spejjez ma qabzux it-€12K, u pprezenta lista ta l-ispejjes li waslulu s'issa, spejjez li ghad iridu jigu mressqa u diskussi fil-Kunsill li jmiss ladarba fil-laqgha tal-lum ma ddiskutejniex il-Konferenza ghar-raguni msemmija mill- Kunsillier Paul Fenech iktar kmieni.

Huwa rega tkellem fuq il-Berlin Bear, u saqsa jekk hux ser jitwahhal barra l-kunsill.Is-Segretarju infurmah li jixtieq jipproponi li ma jehilx barra u r-raguni hi minhabba numru ta' incidenti ta'vandalizmu f'din l-area, fejn zied li tkun hasra li ogett ta' valur bhal Berlin Bear jithalla barra espost ghal elementi u l-vandalizmu. Il-Kunsill qabel ma dan u gie maqbul li il-Berlin Bear jibqa fejn hu izda issirlu pjattaforma quddiemu tal-perspex sabiex ikun hemm li storja tieghu.

Is-Sur Curmi ressaq punt iehor fuq l-obbligi tal perit tal kunsill, specjalment fejn jonqos li jonora risponsabbiltajiet li jaqaw taht il-kappa tieghu, bhal ma qed jigri fil-kaz ta' l-applikazzjonijiet fil-lokal, fejn huwa ggustifikat li xoghol fuq dawn il-materji qed jinghata lill-terzi persuni. Gie deciz l-kunsill ghandu jifli l-kuntratt tal-Perit sabiex wiehed jara x'ghandu jsir biex problem li l-kunsill qed jaffaccja l-kunsill mal-perit jigu risolti darba ghal dejjem.

Fl-ahharnett il-Kunsillier A. Curmi tkellem fuq il-bzonn ta' defibrillator fil-Kunsill. Kulhadd qabel mieghu izda is-Segretarju spjega li jrid ikun hemm xi hadd mharreg sew biex juza defibrillator. Huwa ssostna li meta jkun hemm xi hadd lest imur kors fuq dan, lest li jixtrieh, ghax biex tixtri oggett u ma tistax tuzah ma taghmilx sens.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv

## IV: Punti mill-Kunsillieri- ikomplu

*Punti mressqa mill-Kunsillier T. Valentino*

Il-Kunsillier T. Valentino informat li attendiet numri ta' smiegh fl-Awtorita ta L-Ippjanar fosthom:

- PA3805/A – Appell ghal bini ta Guest House f'Wied Ghomor, f'San Giljan
- PA4372/17 – Bdil ta uzu min Garaxx ghal Hanut fi triq il-Qasam
- PA2479/16 – Applikazzjoni ta l-ex Halland Hotel (Annessi D)

Avzat ukoll li min Jannar sal lum il-Kunsill ghamel 17-il oggezzjona fuq diversi Planning Applications. Is-Sindku irringrazzja lis-Sinjura Valentino u t-tim tal-Periti u voluntarji taghha f-isem il-kunsill u r-residenti tas-Swieqi ghal hidma bla waqfien taghhom ghal preservazzjoni ta l-ambjent kemm rurali, kif ukoll fl'urban tas-Swieqi u l-Madliena, b'mod specjali ghal Wied Ghomor.

Hija qalet ukoll li kellha harga ma' l-Active Agers gewwa r-Rabat, li ghalkemm ma kienx hemm attendenza qawwija, fejn attendew 19 il-ruh , xorta kienet attivita tajba u li apprezzaw hafna dawk kollha li attendew.

Organizzat ukoll tahdita fuq Sqallija, li kienet interessanti hafna ghal min attenda.

Qalet ukoll li it-tahdita li jmiss ser tkun fuq il-Grandparenting skills', u ser tkun immexxija min Joyce Callus.

Hija ghalqet l-intervent taghha billi tkellmet fuq il-possibilita li norganizzaw kors ghal Good parenting fil-Kunsill. Dan gie approvat unanimament mill-Kunsill.

Skond il-punti [illegible] min Hs. Curmi.

## V: Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri iehor

Giet ipprezentata l-iskeda ta' pagamenti nru.41 li giet iccirkulata minn qabel lill kull kunsillier.

Il-pagamenti kollha mnizzla gew approvati hekk kif gew emendi skond l-email aness tal-Kunsillier A. Curmi. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv

## VI: Punti mressqa mis-Segretarju Ezekuttiv

Ghalkemm is-Segretarju kellu diversi punti xi jwassal, kellu jillimita l-intervent tieghu ghal ftit punti fosthom:

- Ressaq tlett kwotazzjonijiet ta' Air Conditions fis-swali taL-kunsill. Is-Sindku talab laqgha mal-kuntrattur biex ifehmu u jurieh fejn ser jigi installati l-outside units.
- Semma li ser jattendi laqgha fuq Data Protection fit-12 ta'April

Din is-seduta ntemmet fit-8.25pm u giet aggornata ghal Hamis 26 t'April fil-17.00.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv